**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002

**Numru 25**

**Avviz numru 1242/02JR**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Victor Scicluna abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Victor Scicluna**

**vs**

**Giles Anthony Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hamsa u disghin lira Maltija u erbatax-il centezmu**

**(Lm395.14), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Victor Scicluna, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghal excess ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) kif ukoll tnejn u erbghin lira Maltija (Lm42.00) ghall-kiri ta' vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Victor Scicluna, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tas-7.50am gewwa Triq il-Foss, Paola, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Victor Scicluna, bin-numru ta' registrazzjoni DAP-226 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni MUD-777, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 t'Awissu, 2001, u ta' dik li qed tintbaghat kontestwalment lil British American Insurance Company Limited bhala agenti tas-socjeta` estera British American Insurance Company Limited, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta' l-1 t'Awissu, 2001, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Rachel Montebello ghall-atturi li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u hamsa u disghin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm395.14) bl-imghaxijiet legali mill-1 t'Awissu, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 t'Awissu, 2001, u ta' dik mibghuta kontestwalment lil British American Insurance Company Limited bhala agenti tas-socjeta` estera British American Insurance Company Limited, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**